**20 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Galea et.

*versus*

Oscar Calleja Mangion ne.

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Djun tal-Wirt — Art. 60 tal-Kap. 70.**

*F'sistema ideali ta' tassazzjoni fuq il-wirt, it-taxxa ma jmissh'ex tolqot ħlief l-attiv nett tal-assi, ċjoè dak li jibqa' wara li jiġi mnaqqas l-ammont kollu tad-djun u piż'jiet li jaggravaw l-assi. Imma fil-kamp tal-liġi pożittiva, il-liġi fiskali ħafna drabi, għal skopi evidentement f'skali, tiddiskosta ruħha mill-prinċipji tad-dritt.*

*Hekk, għar-rigward tat-tnaqqis tad-djun fil-likwidazzjoni tal-valur tal-assi, għall-finij'et tat-taxxa, il-liġi tagħna, bħal liġijiet ta' pajjiżi oħra, toħloq sistema probatorju speċjali u rigoruż; billi teżiġi illi d-dejn li jista' jitnaqqas għandu jkun ċert u likwidu, ta' data anterjuri għall-apertura tas-suċċessjoni; u hekk mhux biżżejjed illi d-dejn ikun twieled jew ġie nkors qabel d'k id-data, imma wkoll li jkun allura ċert u likwidu; u ma jiġix imnaqqas jekk jiġi aċċertat biss b'sentenza li tingħata wara l-apertura tas-suċċessjoni.*

*Ukoll, ħlief għal dawk li huma spejjeż tal-funerali u tal-aħħar marda tad-decujus, li dwarhom għal raġunijiet ovvji l-liġi tikkuntenta li jiġu pruvati b'kull mod, basta soddisfaċenti, wara l-mewt, mill-bqija, għar-rigward tad-djun l-oħra kollha, il-liġi teżiġi l-forma skritta qabel il-mewt.*

*Ikun x'ikun, mbgħad, it-titolu tad-dejn, anki jekk att publiku, jew skrittura privata, jew dokument ieħor, jew kotba tal-kummerċ, magħmulin qabel il-mewt, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu d-dritt jissodisfa ruħu illi d-dejn ikun għadu jeżisti fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Giuseppe, Domenico, Samuele u Concetta, aħwa Galea, li bih talbu illi, għar-raġunijiet esposti minnhom, din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Commissioner of Inland Revenue fl-20 ta' Novembru 1958, u tiddikjara u tiddeċidi illi s-somma ta' £698.10.6¼ u l-ispejjeż ġudizzjarji, kanonizzati b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Salvatore Cumbo versus Francesca Galea" (817/1953), għandhom jiġu ammessi bħala debiti u mnaqqsa mill-attiv tal-assi ta' Francesca Galea għall-finijiet tal-kalkolu tat-taxxa mponibbli fuq l-assi skond il-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Il-fatti rilevanti jidhru li huma dawn. Francesca Galea, omm u awtriċi tal-appellanti, kienet inkarigat lil ċertu Salvatore Cumbo biex jagħmlilha x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' xi bini tagħha Bormla, bil-ftehim li hu jitħallas mill-flus li tawtorizza l-War Damage Commission. Billi dan Cumbo ppretenda li l-imsemmija Francesca Galea ma kienetx ħallsitu l-ammont kollha li kienet daħħlet mill-Kummissjoni, b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru 1953 hu talab il-kundanna tagħha għall-ħlas "ta' dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti", ekwivalenti għall-bilanċ tal-ammont totali maħruġ mill-Kummissjoni;

Il-konvenuta Francesca Galea opponiet dik it-talba, għaliex qalet illi hi kienet ħallsitu dak kollu li kienet daħħlet mill-War Damage Commission għax-xogħolijiet eżegwiti minnu;

Waqt li dik il-kawża kienet miexja, Francesca Galea mietet, u l-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' Concetta Galea (waħda mill-appellanti preżenti) bħala eredi tagħha;

L-imsemmija kawża nqatgħet fil-10 ta' Diċembru 1955, fis-sens illi l-Qorti llikwidat favur l-attur Cumbo is-somma ta' £698.10.6½, u kkundannat lill-konvenuta li tħallas lilu

dik is-somma, bl-imgħax legali mill-ġurnata tas-sentenza, u bl-ispejjeż;

Il-Commissioner of Inland Revenue rrifjuta d-deduzzjoni mill-assi tal-imsemmija Francesca Galea tad-dejn kanonizzat bl-imsemmija sentenza; għaliex irritjena illi dak id-dejn ma kienx ċert u likwidu meta ġrat it-trasmissjoni mponibbli, ċjoè meta mietet Francesca Galea fis-7 ta' Mejju 1954, u għalhekk dak id-dejn ma kienx jissoddisfa l-kondizzjonijiet li għad-deduzzjoni ta' djun minn assi ereditarju huma stabbiliti fl-art. 60 tal-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kapitolu 70 E.R.);

Din il-Qorti hi ta' fehma li r-rifjut tal-Kummissarju kien legalment ġustifikat;

F'sistema ideali ta' tassazzjoni fuq il-wirt, it-taxxa ma jmisshiex tolqot ħlief l-attiv nett tal-assi, ċjoè dak li jibqa' wara li jiġi mnaqqas l-ammont kollu tad-djun u piżijiet li jaggravaw l-assi — "haereditas non est nisi deducto aere alieno". Iżda fil-kamp tal-liġi pożittiva, il-liġi fiskali, kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Bianchi vs. Galizia" (Vol. XXIX-I-999), "ħafna drabi, għal skopi evidentement fiskali, tiddiskosta ruħha mill-prinċipji tad-dritt". Għarrigward tat-tnaqqis tad-djun fil-likwidazzjoni tal-valur tal-assi għall-finijiet tat-taxxa, il-liġi tagħna, bħal liġijiet ta' pajjiżi oħra, toħloq sistema probatorju speċjali u rigoruż. Kif jgħid il-Clementini, ċitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-kawża "Fenech vs. Galizja", 6 ta' Diċembru 1935, "si ammette che un debito possa giuridicamente esistere nei rapporti di diritto comune tra il creditore e l'eredità del debitore; ma ciò non pertanto, con presunzione "juris et de jure", la legge speciale sul registro lo ritiene inesistente per gli effetti della determinazione della tassa di successione, quando la sua certezza e la sua liquidità non possa essere giustificata con quei mezzi coi quali essa è venuta a creare un istituto probatorio tutt'affatto speciale per le passività ereditarie";

Dana, il-liġi tagħna tgħidu espressament. Infatti, l-art. 60 fuq imsemmi, wara li jispeċifika liema huma d-djun li jistgħu jitnaqqsu, jgħid:— "Provided that no allowance

shall be made, for th purposes of this section, for debts or encumbrances whic are not in the absolute conditions above prescribed...... r which are not proved in the manner prescribed in para graph (a) or (b)";

**Ikkunsidrat;**

It-teżi tal-appellanti hija illi d-dejn in kwistjoni jikkwalifika għad-deduzzjoni taħt il-paragrafu (a), li jgħid hekk: "In determining the value of an estate for the purpose of estate duty, allowance shall be made (a) for debts, liquidated and certain, and for encumbrances incurred or created before the opening of the succession, and arising from a public deed or acknowledged by a judgment";

Għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa tajjeb li jiġi riportat it-test oriġinali tagħha, li kien jgħid hekk:— "I debiti certi e liquidi ed i pesi, di data anteriore all'apertura della successione e risultanti da atto pubblico o da sentenza, saranno ammessi in deduzione dall'asse ereditario nella liquidazione del valore imponibile dello stesso";

Issa, din id-dispożizzjoni, anki kieku (kontra r-regoli tal-interpretazzjoni tagħba tal-liġi) kellha tinqara weħedha, ċjoè skonnessa mid-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess artikoli li magħhom tifforma skema jew sistema wieħed organiku u komplet, hi biżżejjed biex teskludi l-pretensjoni tal-appellanti. Infatti, hi teżiġi illi d-dejn li jista' jitnaqqas għandu jkun "ċert u likwidu, ta' data anterjuri għall-apertura tas-suċċessjoni". Dan jimporta illi d-dejn mhux biss ikun twieled jew ġie nkors qabel dik id-data, imma wkoll li jkun allura ċert u likwidu. L-istess, Costantino Debono, citat mill-appellanti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, jgħid hekk:— "Oltre che legalmente esistenti, i debiti ereditari debbono essere certi e liquidi al momento dell'aperta successione. Secondo la opinione comune, formatasi in base alle numerose e conformi decisioni amministrative e giudiziarie, certo è il debito che sia sorretto da titolo legalmente valido, che non sia in alcun modo contestato nè subordinato a condizione, e la cui sussistenza non abbia bisogno di essere confermata, completata o purificata, in

modo che non possa menomamente dubitarsi della sua legale esistenza attuale e reale. Si ritiene unanimemente che il concorso di tali caratteristiche non comporti alcuna elasticità; di guisa che qualsiasi eccezione mossa dal debitore al tempo dell'apertura della successione tolga il carattere di certezza al debito, che pertanto non può mai venire dedotto, anche se nei termini per l'ammissione nel passivo sia rimasto accertato che la eccezione era assolutamente ingiustificata e del tutto dilatoria o capricciosa, e che invece il debito era legale e reale, e che l'obbligazione da cui esso nasceva era pienamente valida ed efficace";

Huwa veru li dan l-awtur jikkunsidra din ir-riġidità eċċessiva, imma l-kritika tiegħu ma tnaqqas xejn mill-validità tal-interpretazzjoni li hu stess jistqarr komuni u unanimi. Hu jkompli jgħid:— "Liquido è il debito il cui ammontare è precisamente determinato senza bisogno di ulteriori accertamenti, in modo che attualmente sia conosciuto per quanto sia esigibile...... I due requisiti della certezza e liquidità debbono coesistere al momento della apertura della successione" (L'Imposta di Successione, 1941, u p. 54-56, §27);

Issa, id-dejn in kwistjoni ma kienx u la ċert fis-sens fuq imsemmi, u lanqas likwidu fid-data tal-apertura tas-suċċessjoni ta' Francesca Galea. Dak iż-żmien hu kien għadu kontestat, u l-ammont tiegħu, kif ukoll l-eżistenza tiegħu, ma ġewx aċċertati ħlief bis-sentenza li ngħatat żmien wara dik id-data;

Ikkunsidrat;

Meta, mbgħad, id-dispożizzjoni tal-paragrafu (a) tal-art. 60 fuq imsemmi tinqara, kif għandha, fil-kwadru tal-artikolu kollu, ma jibqgħax dubju illi, ħlief għal dawk li huma spejjeż tal-funerali u tal-aħħar marda tad-decujus kontemplati fil-paragrafu (ċ), li dwarhom għal raġunijiet ovvji l-liġi tikkuntenta li jiġu pruvati b'kull mod, basta soddisfaċenti, wara l-mewt, mill-bqija, għar-rigward tad-djun "l-oħra kollha", il-liġi teżiġi l-forma skritta qabel il-mewt;

Fuq daqshekk ...a hemmx divarju bejn il-liġi tagħna u l-liġi taljana, li fuqha l-liġi tagħna fl-artikolu in kwistjoni (salv dak li jingħad aktar il-quddiem) ġiet modellata. L-istess Debono fuq ċ...at jgħid:— "Agli effetti tributari è necessario che la leg...le esistenza dei debiti risulti da atto scritto, poichè la pr...va dalla legge tributaria sulla successione viene ritenuta del tutto sostanziale. E' inequivoco che essa ammetta la ...leduzione soltanto dei debiti gravanti l'asse ereditario, i ...ali risultino da documenti autentici anteriori all'apertu... della successione" (ibid. p. 48-49, §23). U t-titoli mi...uba li minnhom jirriżultaw id-djun jeħtieġ li jkunu daw... tas...attivament preskritti;

Fil-paragrafu (...) l-liġi ssemmi, naturalment bħala l-ewwel u l-aqwa, l-at... publiku u s-sentenza. Fil-paragrafu (b) l-liġi ssemmi l-is...rittura privata jew dokumenti oħra attendibbli. Fil-par...rafu (d) il-kotba tal-kummerċ tad-debitur (ċjoè tal-aw...r tas-suċċessjoni) miżmumin skond il-liġi. Anki d-djun ...żultanti minn kambjalijiet jew "promissory notes", jeħt... li jkunu jidhru mill-kotba tal-kummerċ tad-debitur, leg...lment miżmuma, jew mill-kotba tal-kreditur;

Kif għar-rigwar... tal-iskritturi privati u dokumenti attendibbli oħra u t...l-kotba tal-kummerċ ma jistax ikun hemm dubju illi l-liġ... tirriferixxi għal skritturi jew dokumenti u annotazzjoni...iet ta' data anterjuri għall-apertura tas-suċċessjoni, hekk ukoll, għar-rigward tal-atti publiċi u s-sentenzi msemmijin fl-ewwel paragrafu, ir-riferenza hija biss għal dawk ta' d...ta simili;

Infatti, fl-ewwel lok, dan ġie deċiż diġà drabi oħra minn din il-Qorti. Fil-kawża "Attard vs. Huber" (Vol. XXV-I-391) l-attriċi kienet talbet, in kontestazzjoni mat-Teżorier tal-Gvern, u għall-finijiet tad-deduzzjoni mill-assi ta' ħuha, illi dan l-assi jiġi dikjarat debitur lejha f'isimha proprju ta' £300 għal self "brevi manu" u bl-imgħax, u ta' £200 oħra lejn ħuha ieħor għal self "brevi manu" bl-imgħax. Il-Qorti ammettiet għad-deduzzjoni l-ewwel ammont, "li dehrilha li kien jista' jingħad li jirriżulta sija pure mhux direttament, minn att publiku ta' data qabel il-mewt", u rrifjutat id-deduzzjoni għall-ammont l-ieħor,

li ma kienx jirriżulta la minn att publiku, la minn sentenza, u lanqas min skrittura privata jew dokument ieħor. Dan non ostanti illi dan it-tieni dejn għall-finijiet purament ċivili ġie pruvat eżistenti, u non ostanti li, kif intqal, il-kawża saret apposta fil-kontestazzjoni tat-Teżorier u bl-iskop preċiż tad-deduzzjoni. Kieku, kif jippretendu l-appellanti, sentenza wara l-mewt li tikkonstata d-dejn hi minnha nnfisha biżżejjed biex id-dejn jitnaqqas, kieku dik is-sentenza ta' din il-Qorti hi assolutament inspjegabbli;

Aktar formalment il-kwistjoni legali ġiet definita minn din il-Qorti fil-kawża "Fenech vs. Galizia", maqtugħa fis-6 ta' Diċembru 1935. Id-decujus kien f'ħajtu ssellef elf lira minn għand ħuh Salvatore Fenech għall-finijiet tal-kummerċ. Wara l-mewt tad-decujus, Salvatore Fenech għamel kawża fejn kellu anki parti t-Teżorier tal-Gvern, u din il-Qorti ddikjarat li tassew l-attur kien silef l-imsemmijin £1000 lid-decujus. B'dan kollu, fuq ir-rikors tal-istess Salvatore Fenech u l-eredi l-oħra, li bih appellaw mid-deċiżjoni tat-Teżorier, li rrifjuta jnaqqas dak id-dejn għall-finijiet tax-taxxa, din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru 1935, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti, wara li qalet hekk:— "Din is-sentenza (ċjoè dik li biha l-assi tad-decujus kien ġie dikjarat debitur ta' £1000 għall-imsemmi self) ġiet mogħtija wara l-mewt, u ċ-ċertezza tad-debitu ġiet konstatata b'dik is-sentenza, li għall-finijiet tal-liġi fuq it-taxxa tas-suċċessjoni ma għandha ebda forza, għaliex, kif ingħad, huwa espressament dispost fil-liġi li l-kreditu għandu jkun kanonizzat b'sentenza qabel il-mewt, jew is-sentenza wara l-mewt għandha tkun bażata fuq dokumenti magħmula qabel il-mewt";

L-appellanti jissottomettu illi din is-sentenza għandha tiġi "skartata", għax bażata fuq il-liġi taljana, li hi differenti. Issa, huwa veru illi għar-rigward tal-paragrafu (a) tal-liġi tagħna hemm differenza ta' lokuzzjoni, fis-sens illi, mentri fil-liġi tagħna jingħad li jitnaqqsu "i debiti certi e liquidi ed i pesi di data anteriore all'apertura della successione e risultanti da atto pubblico o da sentenza......", fil-liġi taljana tal-1877 kien jingħad illi jitnaqqsu "i debiti ċerti e liquidi risultanti da atto pubblico o da sentenza di data anteriore all'apertura della successione". Iżda ma

*hemm l-ebda raġuni bie wieħed jaħseb illi l-Qorti, fis-sentenza fuq imsemmija, ġ t żvijata minn dik id-differenza ta'* lokuzzjoni. Ibda biex, -liġi tagħna saret fl-1918. Sadattant fl-Italja, minħabba i d-dispożizzjoni li kienet teżiġi illi l-att publiku jew is-ser enza li minnhom jirriżulta d-dejn ikunu ta' data anterjur għall-apertura tas-suċċessjoni kienet ġiet kritikata bħala ravuża, dik id-dispożizzjoni kienet ġiet emendata fl-1902, f -sens li ġew ammessi in deduzzjoni "i debiti certi e liquidi egalmente *esistenti nel momento* dell'aperta successione risultanti da atto pubblico o da sentenza passata *in giu cato". Dan l-esperiment ta'* emenda, "rendendo possibil la giustificazione dei debiti ereditari anche con docum ti di data posteriore all'apertura della successione, apriv facile adito a frodi ingenti. Infatti si sarebbero ben potu creare, per l'occasione, titoli di debito (cambiali, scritt re *privat*e), e trascriverli poi in atti di quietanza in for a pubblica, ovvero promuovere in base ad assi un simula o di giudizio per ottenere la sentenza, considerata da a legge documento valido per la giustificazione" (Cleme tini, op. ċit., p. 18). Għalhekk, fl-1911 *ġiet ripristinata . pożizzjoni ta' qabel, u ġie rikjest* mill-ġdid illi l-att publ u jew is-sentenza jkunu anterjuri għall-apertura tas-suċċ ssjoni;

Dan kien kollu quċ iem il-leġislatur tagħna meta saret il-liġi tagħna. Billi din eżiġi illi d-dejn ikun ċert u likwidu b'data anterjuri, u li riżulta minn titolu, ċjoè att publku jew sentenza, da n bilfors fil-konċett tal-leġislatur tagħna kellhom ikollho data anterjuri. Għalhekk l-interpretazzjoni *mogħtija inn din il-Qorti fil-kawża "Fenech vs. Galizia" ma għandh tiġi xejn* "skartata". *Il-Qorti* kienet qegħda tikkunsidra u tinterpreta l-paragrafu (a) mhux iżolatament għalieh wa ħdu, iżda kombinat mal-paragrafu (b) (li hu wkoll differenti mil-liġi taljana) u fil-kwadru tal-artikolu kollu; u dawn il-konsiderazzjonijiet jirrendu l-konklużjoni li waslet fiha l-Qorti mhux biss loġika, iżda inevitabbli;

Infatti, hekk tidher li rraġunat ukoll din l-istess Qorti fil-kawża "Maempel vs. Sammut", maqtugħa fit-22 ta' Novembru 1943. *Dik* is-sentenza qalet hekk:— "L-art. 58 tal-Ordinanza fuq imsemmija jippermetti d-deduzzjoni taħ-

dejn hemm indikat, u ċjoè l-ewwelnett ta' debiti ċerti u likwidi u piżijiet, ta' data anterjuri għall-apertura tas-suċċessjoni, li jirriżultaw minn att publiku jew minn sentenza. Skond din id-dispożizzjoni, id-debiti għandhom ikunu ta' data qabel ma tinfetaħ is-suċċessjoni, u għalhekk il-kuntratt jew is-sentenza għandhom ikollhom data anterjuri għall-apertura tas-suċċessjoni; diversament, din id-dispożizzjoni tiġi in kuntrast ma' dik li hemm fil-paragrafu ta' wara; u mhux preżumibbli illi l-leġislatur kien sejjer jagħmel inkongruwenza simili". F'dik il-kawża ġew ammessi għad-deduzzjoni — mhux taħt il-paragrafu (a), għad li sadattant kien hemm ġa sentenza oħra li kkanonizzat iddejn u li kienet saret fil-kontestazzjoni tal-Kollettur, iżda taħt il-paragrafu (b) — dawk biss fost id-djun reklamati li l-Qorti dehrilha li kienu ċerti u likwidi qabel il-mewt "u" li kienu jirriżultaw minn dokumenti attendibbli ta' data wkoll anterjuri;

Minn dan kollu jidher illi din il-Qorti, dejjem, fil-każijiet kollha li ġew quddiemha, adottat l-istess interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi in kwistjoni. Fil-każ preżenti, lanqas l-appellanti stess ma jippretendu illi d-dejn kien jirriżulta minn xi dokument anterjuri għall-mewt ta' Francesca Galea. Li qabel dik id-data dak id-dejn ma kienx la ċert u lanqas likwidu, ġie diġà dimostrat. Fil-kawża maqtugħa bis-sentenza posterjuri, invokata minnhom, il-Kummissarju ma kellu ebda parti;

L-interpretazzjoni nvokata mill-appellanti mhux biss iġġib assurdità mad-dispożizzjoni tal-paragrafu (b), iżda tissovverti għal kollox is-sistema ta' rekwiżiti li l-liġi tippreskrivi għad-djun kollha. Għalhekk ikun rikjest illi d-debiti jkunu jirriżultaw minn skrittura privata jew dokumenti attendibbli, u per dippjù illi, f'dan il-każ, ikun hemm sentenza pronunċjata fil-kontradittorju tal-Kummissarju; għalfejn ikun hemm bżonn illi d-debiti tal-kummerċ ikunu ġustifikati bil-kotba tal-kummerċ tad-decujus miżmumin regolarment skond il-liġi, jekk mbgħad, dejn li ma jirriżulta minn ebda kitba jew dokument, jew li ma hu reġistrat fl-ebda ktieb tal-kummerċ, jista' jiġi ammess bis-sempliċi espedjent illi l-persuni nteressati jirrikonoxxuh, wara l-mewt, b'att publiku, jew jammettuh f'simulakru ta' kawża

u mingħajr ebda ntervent tal-Kummissarju? Huwa sempliċement assurd *li l-liġi tiġi nterpretata b'mod li djun mera*-ment verbali u inċerti u illikwidi qabel il-mewt jitqiesu li ġew trattati aħjar min djun ċerti u likwidi li jirriżultaw minn *skrittura privati,* jew kotba tal-kummerċ debitament miżmuma fil-ħajja tad-decujus, u li jikkreaw preżunzjoni tal-awtentiċità u l-ġenwinità tagħhom ta' prova kuntrarja. Biex il-loġika tas-sistema kollu ma tiġix distrutta, jeħtieġ tabilfors illi l-artikolu jkun miftiehem f'sens li jagħti tifsir lill-ordni ġerarkiku tat-titolu li minnhom id-djun jirriżultaw, ċjoè:— (a) Jew att publiku jew sentenza anterjuri għall-*apertura tas-suċċessjoni, li dwar l-awtentiċità tagħhom* normalment ma jistax ikun hemm suspett. Jekk jonqsu dawn, allura (b) skrittura privata jew dokument attendibbli, similment ta' data anterjuri, purkè li, jekk mhux aċċettati mill-Kummissarju, id-dejn jiġi aċċertat b'sentenza mogħtija fil-kontestazzjoni tiegħu, (ċ) jew, fil-każ ta' debiti tal-kummerċ jew debiti kambjarji, dawn ikunu reġistrati fil-kotba tal-kummerċ miżmuma skond il-liġi;

Għar-rigward ta' dawn l-aħħar debiti, il-liġi timponi essenzjalment *ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni fil-kotba tal-kummerċ*, ammenokkè l-eżistenza tagħhom ma tkunx pruvata bil-mod preskritt fil-paragrafi (a) jew (b). Issa, ma jagħmelx *sens illi, fil-waqt li* l-liġi *timponi r-reġistrazzjoni* fil-kotba, jew, jekk ma hemmx din, li jkun hemm skrittura privata jew dokument attendibbli dwarhom, "u" ma' dawn sentenza in kontradittorju tal-Kummissarju, fl-istess ħin (kieku kienet tajba t-teżi tal-appellanti) il-liġi iddispensat minn dan kollu u ammettiet l-istess id-deduzzjoni sempliċement fuq kuntratt magħmul mill-interessati wara l-mewt;

Dawn l-inkongruwenzi ma humiex rimedjati, kif jissottomettu l-appellanti, bl-art. 63, li jipprovdi illi, "biex jista' jsir it-tnaqqis tad-djun mill-assi tal-mejjet, jeħtieġ li fil-fehma tal-Kummissarju d-djun jeżistu ikun x'ikun it-titolu li minnu jidhru li ġejjin". Kif jidher ċar, dan ir-rimedju huwa "addizzjonali" għad-dispożizzjonijiet preċedenti, u mhux "sostituttiv" tagħhom. Kieku waħdu kien biżżejjed, l-art. 60 jista' jitqies soppress għal kollox. Meta fil-Kunsill tal-Gvern, waqt id-diskussjoni tal-abbozz ta' din il-liġi, xi membri osservaw *illi, in vista tal-kondizzjonijiet*

preskritti fl-artikoli ta' qabel, din id-dispożizzjoni l-oħra ma kienetx tidher neċessarja, il-Crown Advocate wieġeb hekk:— "Si è osservato che non sembra esservi ragione di questo accumulamento di garanzia; io però ritengo che, specialmente in materia di imposte, le garanzie dell'erario, come le precauzioni, non sono mai superflue; molto più che l'astuzia ed anche il coraggio degli uomini, quando si tratta di evadere i diritti dell'erario, sembrano acuminarsi e rinvigorire" (Debates, XXXIX, 384);

Ikun x'ikun it-titolu tad-dejn, anki jekk att publiku, jew skrittura privata, jew dokument ieħor, jew il-kotba tal-kummerċ, magħmulin qabel il-mewt, il-Kummissarju għandu dritt jissodisfa ruħu illi d-dejn ikun għadu jeżisti fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni. Fit-tieni lok, anki kuntratti jew sentenzi, jew dokumenti oħra, ta' qabel il-mewt, "potrebbero essere l'effetto di collusione, sia del defunto che dell'erede, con altre persone, per eludere, sia pure in parte, gli obblighi verso l'amministrazione, ed è il Tesoriere che dev'essere soddisfatto che quel documento non sia effetto di collusione, nè strumento di evasione" (ibid.);

Dan kollu qiegħed jingħad, naturalment, a propożitu tal-interpretazzjoni tal-liġi in ġenerali, u mingħajr ebda rifless għar-rigward tad-dejn partikulari in kwistjoni, li l-Qorti ma għandhiex ebda raġuni biex taħseb li ma hux ġenwin. Il-fatt, anzi, li dan id-dejn ġie strenwament kontestat, tant mid-decujus sakemm baqgħet ħajja kemm mill-eredi wara mewtha, juri l-kuntrarju. Iżda l-Qorti hi mitluba li tagħti nterpretazzjoni tal-liġi, li ma saretx għal dan il-każ in partikulari. Hi għandha tara jekk id-dejn in kwistjoni jissoddisfax ir-rekwiżiti ta' forma tassattivament preskritti mill-liġi għad-deduzzjoni tad-djun. Talvolta, ir-rimedju tal-appellanti qiegħed fl-art. 48 li (appuntu biex jovvja għall-każijiet ġenwini ta' "hardship") jagħti setgħa lill-amministrazzjoni li tagħti ċerti eżenzjonijiet, u li, kif il-Qorti ġiet inċidentalment mgħarrfa waqt it-trattazzjoni, ġie li ġie wżat f'każijiet bħall-preżenti, ta' djun li, għad li ma jikkwalifikawx "stricto jure" għad-deduzzjoni, huma b'dan kollu veri u reali;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni; spejjeż mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas mir-rikorrenti.